# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI SUPERJURI
# SEZZJONI ĠENERALI

**MAĠISTRAT DOTTOR BRIGITTE SULTANA LL.D., LL.M (CARDIFF) ADV. TRIB. ECCL. MELIT.**

**Illum, it-Tlieta, 3 ta' Ottubru 2023**

**Rikors Ġuramentat numru: 106/2022 BS**

**John Baptist Camilleri, Michaelangelo Camilleri, Carmelo Camilleri, Rita Camilleri, Anthony Camilleri, Dorianne Camilleri, Manwel Camilleri u Anna Maria Camilleri**

**-vs-**

**Anthony Camilleri**

**Il-Qorti;**

**Rat ir-rikors ġuramentat tal-atturi li ppremettew:**

(1) Illi bis-saħħa ta' ittra uffiċjali spedita minnu fis-27 (sebgħa u għoxrin) ta' Settembru elfejn wieħed u għoxrin (2021) Ittra numru 622/2021, l-intimat odjern Anthony Camilleri ressaq il'quddiem pretensjoni kontra l-esponenti fis-sens li huwa ddikjara li huwa għandu xi sehem indiviż jew xi dritt ta' komproprjetà fuq il-fond bin-numri ħmistax, sittax u sbatax (15, 16, 17) Triq Monsinjur Luigi Vella, Rabat Għawdex, Malta għaliex skont huwa, dan il-fond huwa

derivanti lilu, lill-esponenti u lil terzi persuni mill-wirt u suċċessjoni ta' George u Grazia konjugi Camilleri;

(2) Illi l-esponenti jridu jeħilsu minn din il-pretensjoni tal-imsemmi Anthony Camilleri għaliex huma jafu bħala fatt li dan il-fond jifforma parti mill-fond numri 14, 15, 16, 17 (erbatax - bħala bieb principali; ħmistax, sittax u sbatax bħala entratura sekondarji). Bis-saħħa ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Michael Refalo, tal-erbgħa u għoxrin (24) ta' April elf disa' mija u disgħin (1990), l-istess intimat kien assenja s-sehem dakinhar spettanti lilu minn dan il-fond, ossia kwint indiviż, lil Joseph Camilleri, illum mejjet u li tiegħu l-esponenti huma l-unici eredi. Iktar tard Joseph Camilleri kien wiret ukoll sehem ta' kwint indiviż ieħor mingħand oħtu oħra Josephine Axiak.

(3) Infatti l-esponenti kienu wieġbu għal dik l-ittra uffiċjali permezz ta' ittra uffiċjali oħra spedita minnhom lill-intimat odjern, imma sal-lum, l-intimat baqa' qatt ma rrikonoxxa formalment li dik il-pretensjoni tiegħu kienet infondata;

(4) Illi l-esponenti jridu jeħilsu minn din il-pretensjoni u għalhekk qegħdin jaġixxu fit-termini tal-artikolu erba' mija u tlieta (403) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex jiġi mogħti żmien lill-intimat biex igib 'il quddiem b'kawża dik il-pretensjoni, u li, fin-nuqqas ta' dan, jiġi lilu impedut li jagixxi qatt iżjed għal dik il-pretensjoni;

**Talbu lil Din l-Onorabbli Qorti:**

1. Tipprefiggġilek terminu ta' mhux iżjed minn tliet (3) xhur li fih inti għandek iġġib il'quddiem b'kawża din il-pretensjoni tiegħek fuq il-fond bin-numri ħmistax, sittax u sbatax (15, 16, 17) Triq Monsinjur Luigi Vella, Rabat Għawdex, Malta;

2. Fin-nuqqas li inti tagħmel dan, tiġi impedut milli taġixxi qatt iżjed għal dik il-pretensjoni tiegħek.

Bl-ispejjeż, inklużi tal-ittra uffiċjali tal- ta' Ottubru 2021 kontra l-intimat, u bl-ingunzjoni għas subizzjoni.

Bir-riżerva ta' kull azzjoni ulterjuri spettanti lir-rikorrenti kontra tiegħek.

**Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut Anthony Camilleri li eċċepixxa:**

1. Illi qabel xejn it-talbiet attrici huma preskritti stante illi l-konvenut gie notifikat b' dan ir-rikors guramentat fl-erbgha (4) ta' Ottubru 2022 meta kien ghadda t-terminu ta' sena stipulat mill-ligi ghall-istituzzjoni ta' l-azzjoni odjerna.

2. Illi ma jezistux l-elementi kollha necessarji biex tirnexxi l-azzjoni ta' jattanza fil-kaz odjern u dan fost l-ohrajn ghaliex il-millantazzjoni ma kienetx spontanja izda kienet ipprovokata mill-atturi stess u għalhekk ma jistghux jiprevalixxu rwiehhom minn din l-azzjoni;

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-atturi ma ghandhomx il-pussess tad-dritt li dwaru saret l-ittra tal-eccipjent u għalhekk hemm element iehor indipensabbli ghall-azzjoni ta' jattanza li huwa karenti;

4. Illi l-konvenut assenja s-sehem tieghu mill-fond numru erbatax (14) fi Triq Monsinjur Luigi Vella, Rabat, Ghawdex izda qatt ma assenja s-sehem tieghu mill-fond bin-numri hmistax (15), sittax (16) u sbatax (17) fl-istess triq.

5. Salvi eccezzjonijiet ohra fid-dritt u fil-fatt.

Bl-inġunzjoni għas-subizzjoni li ghaliha minn issa l-atturi huma ingunti.

Bl-ispejjes.

Rat l-atti fl-intier tagħhom.

Rat il-verbal tas-17 ta' Mejju, 2023.

Rat li l-kawża ġiet differita għal din is-sentenza preliminari fuq l-ewwel eċċezzjoni sollevata mill-konvenut.

**Ikkunsidrat.**

Illi l-atturi intavolaw din il-kawża ta' jattanza a tenur tal-proċedura stabbilita bl-Artikoli 403 et. seq. tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. L-artikolu 403 jipprovdi illi "*Meta f'atti ġudizzjarji, jew xort'oħra bil-miktub, persuna tippretendi li għandha xi jedd, il-parti li trid teħles din il-pretensjoni tista' fi żmien sena mill-istess pretensjoni, titlob, b'rikors ġuramentat, li jiġi mogħti żmien lill-persuna li ppretendiet li għandha dak il-jedd, biex iġġib 'il quddiem b'kawża dik il-pretensjoni, u li, fin-nuqqas ta' dan, jiġi lilha impedut li taġixxi qatt iżjed għal dik il-pretenzjoni*".

Il-konvenut jilqa' għat-talbiet attriċi billi fl-ewwel lok jeċċepixxi illi l-azzjoni attriċi hija perenta għax l-atturi naqsu li jinnotfikawh bir-rikors ġuramentat tagħhom entro t-terminu ta' sena stipulat fl-artikolu preċitat.

Għaldaqstant din tal-lum hija sentenza preliminari li titratta din il-kwastjoni billi jekk jirriżulta li tali eċċezzjoni hija ġustifikata allura l-kawża tal-atturi tieqaf hawn.

Minn qari ta' ġurisprudenza nostrana jirriżulta paċifiku illi " *l-iskop uniku legali u soċjali tal-istitut ta' Jattanza huwa li l-kontestazzjonijiet jigu riżolti. Il-Liġi ma tridx li tħalli l-pretensjonijiet fl-arja kif lanqas ma trid li persuna tivvessa persuna oħra bi pretensjonijiet li ma jingiebu qatt quddiem il-Qorti kompetenti għas-smigħ u determinazzjoni.*"[1]

Barra minn hekk il-qrati maltin kemm-il darba saħqu illi l-prinċipju li jsawwar l-azzjoni ta' jattanza huwa wieħed eċċezzjonali li għandu jċedi

[1] Paul sive Lino Agius et vs Joseph Meliaq et, Appell Civili deciz fit-28 ta Marzu, 2014

għall-prinċipju ta' natura ġenerali li ħadd ma għandu jiġi mġiegħel jiftaħ kawża u għalhekk minkejja illi huwa minnu li l-ġudizzju ta' jattanza huwa kontradittur għad-dettam tad-dritt u għall-massima speċjalment **invitus agere nemo cogitur**; lu dana billi n-norma hija li **actor in sua potestate habet quando utatur juri suo**, b'mod li l-istess rimedju ma għandux jiġi estiż; madankollu għandu jingħad li dana l-ġudizzju, huwa wieħed neċessarju għall-prevenzjonijiet ta' kwalunkwe diffamazzjoni bla kawża, b'eskluzjoni ta' preżunzjoni ta' kalunja, bl-iskop preċiż illi **ad finiendos lites**.

Dwar l-azzjoni tal-jattanza, il-Professur Caruana jgħid illi din it-tip ta' azzjoni hija *"…a violation of the principle that no one may be compelled, against 8 his will, to institute proceedings and reduce to an insignificant term the normal period for the institution of a lawsuit."*[2] Għalhekk in vista ta' dan, il-kliem użat mill-leġislatur fl-artikolu preċitat għandu jingħata tifsira ristretta u dunque ġialadarba l-leġislatur Malti għażel li jimponi dan it-terminu ta' sena, ifisser li ried jillimita drastikament it-terminu li fih tista' ssir il-kawża ta' millantazzjoni[3] .

L-eċċezzjoni tal-konvenut tiċċentra fuq il-meta huwa ġie notifikat bir-rikors ġuramentat billi skond hu ġia la darba ġie notifikat bir-rikors ġuramentat fl-4 ta' Ottubru, 2022, allura l-kawża attriċi hija perenta billi l-ittra uffiċjali mibgħuta minnu lill-atturi kienet ġiet ippreżentata fis-27 ta' Settembru, 2021.

Il-Qorti, fliet l-Artikolu 403 preċitat u dan fid-dawl tal-prinċipji ġia msemmija. Minn qari tal-kliem użat mill-leġislatur huwa ċar illi l-persuna li tkun trid teħles minn pretensjoni vantata għandha żmien sena biex tagħmel it-talbiet tagħha fit-termini tal-istess artikolu, permezz ta' rikors ġuramentat. Dan ifisser illi it-terminu ta' sena huwa marbut ma meta jiġi ppreżentat ir-rikors ġuramentat u mhux meta jiġi notifikat lill-konvenut.

Tenut kont ta' dan kollu, kif ġia ngħad, mill-atti jirriżulta li l-ittra uffiċjali mill-konvenut saret fis-27 ta' Settembru, 2021 u l-atturi ntavolaw il-kawza

[2] Notes on Civil Procedure, Pg. 1456
[3] Grima vs Caffary, Prim Awla deciza fl-14 ta Dicmebru, 1952 (Kollez. Vol: XXXVI.i.632)

fl-14 ta' Settembru, 2022 u għalhekk entro t-terminu ta' sena msemmi fl-Artikolu 403 tal-Kap. 12 Liġijiet ta' Malta.

Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet din il-Qorti ser tgħaddi biex tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut u tordna l-prosegwiment tal-kawża.

**Deċide.**

Għaldaqstant in vista tal-premess u għar-raġunijiet ġia mogħtija l-Qorti tiċħad l-ewwel eċċezzjoni sollevata mill-konvenut u tordna l-prosegwiment tal-kawża.

Spejjeż jibqgħu riservati għal ġudizzju finali.

(ft.) Dr. Brigitte Sultana
Maġistrat

(ft.) Daniel Sacco
Deputat Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur